**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 83**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 10 ta' Lulju 2018 fis-7.10 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI/B'APOLOĠIJA:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**
**Il-laqgħa bdiet mingħajr is-Sur Rudolph Grima.**

**83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

83.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-kunsillier, is-Sur Ian Vassallo u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija wara li s-Sindku ippropona u Andrew Mallia ssekonda. Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li kien kellem permezz tat-telefon lis-Sur Paul Grech u lis-Sur Stephen Borg (in persona) u dawn qalulu li ġejjin tard minħabba xogħol jew jistgħu ma jilħqux jaslu.

| | | |
|---|---|---|
| **83.02** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 81** | |
| 83.02.01 | Il-minuti tas-seduta numru 81 ġew meħuda moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda' emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 81 |
| **83.03** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 82** | |
| 83.03.01 | Il-minuti tas-seduta numru 82 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr l-ebda' emenda u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Andrew Mallia. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 82 |
| **83.04** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** | |
| 83.04.01 | Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku u lill-kunsillieri sabiex jibgħatu l-artiklu tagħhom għall-ħarġa tal-fuljett li jmiss, *Ir-Rabta*, sa nhar it-18 ta' Lulju 2018<br><br>Is-Sindku talab biex tinħareġ offerta pubblika sabiex tingħalaq il-bokka fejn instabu fdalijiet arkeoloġiċi fi Triq Santa Rita. Se tinġieb stima ġdida mil-Perit. | L-artikli tal-kunsillieri fil-ħarġa tal-fuljett *Ir-Rabta* |
| **83.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 83.05.01 | Kien hemm mistoqsija komuni dwar jekk kienx tqassam il-fuljett *Ir-Rabta* tal-ħarġa tal-Milied. Nazju Cassar qal illi jidher illi l-*Maltapost plc* ma qassmuhx fl-inħawi tan-Nigret u ta' Santa Katerina. | Tqassim tal-fuljett ir-*Rabta* |
| 83.05.02 | Kien hemm talba biex tinħasel kemm il-Pjazza tal-Parroċċa kif ukoll is-Saqqajja tal-ewwel wara l-festa u s-Saqqajja mil-ħmieġ tal-għasafar. | Ħasil ta' pjazez |
| 83.05.03 | Kien hemm proposta biex tinxtgħel il-Pjazza tal-Parroċċa anke jekk hemm bżonn bi *floodlighting* temporanju sakemm jissewwew il-lanterni dekorattivi eżistenti. Proposta simili saret għad-dwal tas-Saqqajja li wkoll jinsabu mitfija. | Mixgħela tal-Pjazza tal-Parroċċa |
| 83.05.04 | Kien hemm talba biex jinżabru s-siġar tas-Saqqajja għax ħafna mill-friegħi deħlin fil-galleriji ta' terzi u saħansitra hemm problema bil-ġrieden. | Zabra ta' siġar |
| **83.06** | **Mozzjoni 03/2018: Sabiex jissebbħu s-*Soft Areas* li hemm madwar il-Housing Estate t'Għajn Kajjet** | |
| 83.06.01 | Ma tteħidx vot fuqha għax dan ix-xogħol hu diġa' kopert mill-kuntrattur Premier Co Ltd, madankollu kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni sabiex dan isebbaħ l-inħawi skont l-espert botaniku li ssemmi l-istess mozzjoni. | Tisbiħ tal-inħawi tal-HE t'Għajn Kajjet |
| **83.07** | **Appuntar tal-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' skrivani** | |
| 83.07.01 | Il-bord hu diġa' appuntat mis-Sur Charles Azzopardi bħala Ċerperson, u s-Sur Ian Vassallo u bħala membri u riżerva hemm s-Sur Andrew Mallia, is-Sur Peter Paul Azzopardi u s-Sur Nazju Cassar. Is-Segretarju Eżekuttiv, Anthony Bonello se jkun appuntat ukoll fuq l-istess bord. | Appuntar tas-Segretarju Eżekuttiv, Anthony Bonello bħala Segretarju tal-bord |
| **83.08** | **Jum ir-Rabat u Ġieħ ir-Rabat** | |
| 83.08.01 | Kien diskuss il-post li fih tinżamm din is-serata. Kien hemm żewġ proposti, l-ewwel preferenza fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Duminku u l-oħra fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Mark. Se nagħmlu kuntatt magħhom. | Post tas-Serata Ġieħ ir-Rabat. |
| **83.08.02** | **Ġieħ ir-Rabat – Mro Joe Galea** | |

Charles Azzopardi ippropona u Doris Coleiro issekondat. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien unanimu biex Mro Joe Galea jingħata Ġieħ ir-Rabat 2018 għax dan se jkun serva għal 27 sena bħala surmast tal-Banda L'Isle Adam.

Ġieħ ir-Rabat lil Mro Joe Galea, Banda Lisle Adam

**83.08.03 Rikonoxximent – Peter Paul Galea (Grupp Tribali)**

Charles Azzopardi ippropona u Peter Paul Azzopardi ssekonda. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien unanimu biex Peter Paul Galea tal-grupp Tribali jingħata rikonoxximent għaliex dan qed jgħin persuni vulnerabbli u jagħmel ħafna ġid.

Rikonoxximent lil Peter Paul Galea

**83.08.04 Rikonoxximent – Amy Borg**

Doris Coleiro ipproponiet u ssekonda Nazju Cassar. Doris Coleiro qalet illi din it-tfajla ħadet sehem fi *Britain's Got Talent* u għandha potenzjali qawwi. Ir-rikonoxximent għandu jserviha ta' stimulu fil-karriera tagħha. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien unanimu biex Amy Borg tingħata dan ir-rikonoxximent.

Rikonoxximent lil Amy Borg

***** Il-kunsillier Rudolph Grima daħal għal-laqgħa fis-7.30pm *****

**83.08.04 Rikonoxximent – Alfred Vassallo**

Nazju Cassar ippropona illi jingħata rikonoxximent l-eks patri is-Sur Alfred Vassallo. Issekondaħ is-Sindku. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien unanimu biex is-Sur Alfred Vassallo jingħata dan ir-rikonoxximent għall-ħidma soċjali li qed iwettaq.

Rikonoxximent lil Alfred Vassallo

**83.08.05 Nomina għal Rikonoxximent – Av. Richard Sladden**

83.05.01 Rudolph Grima ippropona illi jkun rikonoxxut l-Av Richard Sladden. Nazju Cassar issekondah. Rudolph Grima qal illi dan ta servizz lill-Kunsill Lokali tar-Rabat għal diversi snin. Il-proposta m'għaddietx għaliex dan kien imħallas tal-ħidma, bħalma kienu mħallsin diversi periti u avukati li servew lill-Kunsill, barra l-fatt li mhux mir-Rabat.

Nomina għal Rikonoxximent tal-Av Richard Sladden

83.05.02 Kien hemm diskussjoni jekk eks Sindki u kunsillieri anke li servew għal tant snin p.eż 25 sena għandhomx ikunu rikonoxxuti.

Eliġibilita' għal nomina tal-eks/ Sindki u /eks kunsillieri

**83.08.06 Catering – Jum ir-Rabat 2018**

Kien deċiż illi jitqabbad l-istess fornitur li ta s-servizz fl-2017. Dan se jkun qed juża l-Kunvent ta' San Duminku, dejjem jekk jaċċettaw huma.

*Catering* f'Jum ir-Rabat

**83.08.07 Orgnazzazzjoni ta' Jum ir-Rabat 2018**

Is-Sindku spjega illi ċ-ċirkustanzi tar-riżorsi umani attwali huma tali li ma jistax ikun li l-*istaff* ikun involut fl-organizzazzjoni ta' Jum ir-Rabat 2018. Għaldaqstant hu ippropona li tagħti s-sehem tagħha l-eks Executive Officer, Victoria Privitera li serviet għal 20 sena fl-uffiċċju u li dejjem kienet tieħu ħsieb Jum ir-Rabat u dan isir bi ħlas. Issekonda il-proposta Nazju Cassar u din għaddiet unanimament.

Għajnuna amministrattiva fl-organizzazzjoni ta' Jum ir-Rabat 2018

**83.09 Għażla tal-offerta tal-manutenzjoni ta' marki tat-toroq u sinjali tat-traffiku – RLC/T/0171/18**

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, ssekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro, l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0171/18 tingħata lill-Koptasin, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kolha mitluba.

Offerta ta' marki tat-toroq u sinjali tat-traffiku

83.10 **Għażla tal-offerta għall-provista u tqegħid ta' konkrit u xibka – RLC/T/0170/18**

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mill-kunsillier Peter Paul Azzopardi, l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0170/18 tingħata lill-*Rock Cut Ltd*, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kolha mitluba.

Offerta għall-provista u tqegħid ta' konkrit u xibka f'toroq rurali.

83.11 **Biex jinħatar l-*Opening Staff* tal-Offerta Pubblika taż-Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi fil-Baħrija, bl-użu ta' servizzi u prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.**

Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għaż-Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi fil-Baħrija, bl-użu ta' servizzi u prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent, ikun kompost kif ġej:

*PO/OS* - Is-Sra Roberta Galea
*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
Riżerva
*PO/OS* - Is-Sra Shirley Cardona

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-opening staff tal-offerta għaż-Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi fil-Baħrija, bl-użu ta' servizzi u prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.

83.12 **Id-deċiżjoni tal-Ministru dwar nuqqas ta' attendenza ta' żewġ kunsillieri**

Inqrat id-deċiżjoni tal-Ministru dwar in-nuqqas ta' attendenza mil-laqgħat tal-Kunsill ta' żewġ kunsillieri.

Nuqqas ta' attendenza mill-laqgħat tal-Kunsill

83.13 **Proposta biex nissieħbu mal-*Malta Textile Recycling* u jibdew jinġabru ħwejjeġ użati minn wara l-bibien tad-djar**

Is-Sindku ippropona u Peter Paul Azzopardi ssekonda u kien hemm qbil unanimu biex nissieħbu f'din l-iskema ambjentali.

Faċilitajiet offruti mill-*Malta Textile Recycling*

83.14 **Talba għall-provista ta' *Mobile Toilets* għall-festa ta' Santa Katerina tad-Daħla**

Is-Sindku ippropona u Nazju Cassar issekonda din il-proposta sabiex jinġiebu żewġ *mobile toilets* bejn il-21 u t-23 ta' Settembru 2018. Il-proposta kienet approvata b'mod unanimu.

*Mobile Toilets* fil-Festa ta' Santa Katerina

83.15 **Petizzjoni biex isiru żewġ bankijiet fi Triq il-Katakombi**

Il-petizzjoni m'għaddietx minħabba ostaklu ta' *garage* u n-nuqqas minn naħa tal-firmatarji fejn eżatt xtaqu li jitpoġġew.

Proposta għall-bankijiet fi Triq il-Katakombi

83.16 **Petizzjoni biex issir manutenzjoni ta' Ġnien Fieres**

Charles Azzopardi ippropona u Rudolph Grima issekonda. Is-Sindku qal li se jorbotha mal-item ta' wara, jiġifieri mal-manutenzjoni ta' toroq.

Manutenzjoni ta' Ġnien Fieres

83.17 **Manutenzjoni ta' diversi toroq (talbiet sa' minn Novembru 2017)**

Ippropona s-Sindku u ssekonda Rudolph Grima. Il-lista tat-toroq għall-manutenzjoni għaddiet b'mod unanimu flimkien mal-propost manutenzjoni ta'

Manutenzjoni ta' diversi toroq.

Ġnien Fieres.

83.18 **Tindif b'makkinarju f'Miġra Ferħa u d-Dwejra**

Din il-proposta ipproponiha s-Sindku u ssekondaha Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill kien unanimu fuq din il-proposta u se jinġiebu l-kwotazzjonijiet biex dan ix-xogħol ta' tindif isir kif propost.

Tindif f'Miġra Ferħa u d-Dwejra

83.19 **Il-Parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-kampanja nazzjonali kontra l-mard tal-kanċer - *Pink October***

Il-proposta kienet imressqa mis-Sindku u Peter Paul Bugeja issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament illi tinxtegħel is-Saqqajja bi dwal roża bħas-sena l-oħra.

Parteċipazzjoni fil-kampanja nazzjonali Pink October

83.20 **Assistenza lin-Nursery tar-Rabat Ajax permezz ta' trasport**

Peter Paul Azopardi ippropona u s-Sindku issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament illi jidħol għal dan is-servizz tant utli biex it-tfal Rabtin ikollhom żvok fil-qasam sportiv billi jmorru jipprattikaw il-futbol fl-Imtarfa.

Assistenza lit-tfal tan-*Nursery tar-Rabat Ajax.*

83.21 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Kienet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti numru 281 wara li kienet proposti mis-Sindku u ssekondata minn Peter Paul Azzopardi.

Skeda tal-pagamenti

83.22 **Tmiem tal-laqħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-31 ta' Lulju fis-7.00pm.

Tmiem is-seduta u l-appuntament li jmiss

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **IFFIRMATA** | | **IFFIRMATA** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum<br>Segretarju Eżekuttiv | 31/7/18 minn | Charles Azzopardi<br>Sindku |